IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2020**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| DATA: | il-25 ta' April 2020 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.
Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.

## TAQSIMA A: KOMPONIMENT ĠENERALI

**Agħżel suġġett WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Taqbel mal-kompetizzjonijiet tas-sbuħija tal-annimali?
2. L-iscooters elettriċi.
3. Is-saħħa mentali fost iż-żgħażagħ.
4. Taħseb li għandu jidħol it-tramm f'Malta?
5. L-attiviżmu taż-żgħażagħ b'rabta mal-bidla fil-klima.
6. L-edukazzjoni kulma tmur qiegħda titqal. Taqbel?

**(Total: 30 marka)**

## TAQSIMA B: KOMPONIMENT FUQ IL-LINGWISTIKA

**Agħżel titlu WIEĦED. Importanti li ssaħħaħ l-argumenti tiegħek bl-eżempji.**

1. Iddeskrivi fid-dettall it-taħlit lingwistiku li nosservaw fil-Malti, kemm fil-livell lessikali kif ukoll fil-livell morfoloġiku.

2. Iddiskuti l-proċessi morfoloġiċi ewlenin li bihom il-Malti jifforma l-kliem.

3. Hemm erba' kawżi li jistgħu jġagħlu kelma tibdel it-tifsira tagħha. Iddiskuti.

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok, aqleb il-paġna.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA Ċ: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA – IL-POEŻIJA**

**Agħżel titlu WIEĦED b'referenza għax-xogħlijiet tal-poeti tas-seklu għoxrin li studjajt.**

1. Iddiskuti t-ton u l-lingwaġġ figurattiv li jinqdew bihom il-poeti Maltin biex jiktbu dwar l-esperjenzi umani.

2. Fl-antoloġija *Il-Poeżija Maltija* l-poplu Malti jidher essenzjalment bħala komunità waħda. Iżda waqt li fil-poeżija Romantika l-ġens Malti jidher mhedded mill-barranin, fil-poeżija Moderna l-kunflitt jinħass aktar bejn il-Maltin infushom. Iddiskuti dawn id-differenzi.

**(Total: 20 marka)**

**TAQSIMA D: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA – IN-NARRATTIVA/ID-DRAMA**

**Agħżel titlu WIEĦED. Importanti li ssaħħaħ l-argumenti tiegħek bl-eżempji.**

1. Għall-bidu, fir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer, is-Sur Kelin Miksat huwa l-għalliem li jiftaħ għajnejn Leli Braġ u sieħbu Pawlu Sulnata għal għarfien li r-raħlin l-oħrajn ma jarawx jew ma jafux li jeżisti. Imbagħad, meta Leli jitħawwad u Pawlu Sulnata jibda l-karriera tiegħu ta' tabib, is-Sur Kelin jiġbor ħwejġu u jitlaq minn Malta bla kliem u bla sliem. Kif tinterpreta dan "il-falliment" tiegħu?

2. Minkejja li r-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer jippreżenta lis-Sa Marjann bħala l-omm ideali li tiddedika ruħha għalkollox għall-familja tagħha, donnha mhix kapaċi tgħin lil binha Leli joħroġ mill-isqaq magħluq li jsib ruħu fih. Għaliex? Min jista' jgħinu, u kif?

3. Iddiskuti l-idea li d-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer jippreżenta l-imħabba ta' bejn il-maħbubin bħala emozzjoni kumplessa u bħala esperjenza diffiċli.

4. Skont Oliver Friggieri, fit-tieni att tad-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer, Tereża, bħala mara, tidħol bħala l-figura ta' omm Menz. "Hija figura ideali li Menz iħares lejha fil-għoli fejn tinsab." Taqbel?

**(Total: 20 marka)**